MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2015

Mandat Numru. 1009/2015/1

**TRANSPORT SERVICES FOR DISABLED PERSONS CO-OPERATIVE LIMITED**

vs

**AWTORITA' GĦAT-TRASPORT F'MALTA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-22 ta' Ġunju, 2015, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, il-ko-operattiva rikorrenti talbet li l-Qorti żżomm lill-Awtorita' intimata milli "tirreġistra vetturi tat-tip *mini buses* bit-*tail-lift* imwaħħal lokalment qabel ma l-vettura tiġi reġistrata mingħajr ma jkun provdut lill-istess Awtorita' intimata *homologation certificate* (jew

*certificate of conformity* jew *Type approval*) maħruġ mill-manufattur tal-vettura in kwestjoni (jew minn aġenzija akkreditata) konsistenti f'dokument wieħed li jiċċertifika li tali vettura hekk kif attrezzata bit-*tail-lift* ma tkunx ta' periklu lill-passiġġiera u lill-pubbliku u/jew lix-xufiera u li għalhekk hija idoneja li tintuża fit-triq";

Rat id-degriet tagħha tat-22 ta' Ġunju, 2015, li bih laqgħet it-talba b'mod provviżorju, ordnat in-notifika lill-Awtorita' intimata, u qiegħdet ir-rikors għas-smigħ tat-30 ta' Ġunju, 2015;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-Awtorita' intimata fis-26 ta' Ġunju, 2015, li biha u għar-raġunijiet minnha mfissra, laqgħet għat-talba tal-ko-operattiva rikorrenti billi qalet li l-Qorti ma jmisshiex tilqa' t-talba għaliex ma jeżistux l-elementi mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat. Iżżid tgħid li jonqos l-interess ġuridiku fil-ko-operattiva rikorrenti li titlob il-ħruġ tal-Mandat ukoll għaliex ir-reġistrazzjoni tal-vetturi li hija trid li żżomm milli tinħareġ ma tolqotx vetturi tal-ko-operattiva imma ta' terzi filwaqt li l-ebda reġistrazzjoni ġdida ma hija sejra tnaqqas in-negozju tal-ko-operattiva u sejra tħallih bla mittiefes. Tgħid ukoll li dak kollu li l-Awtorita' titlob qabel ma tirreġistra vettura huwa dak kollu li l-liġi fis-seħħ titlob minnha u xejn anqas. Ittemm tgħid li l-ko-operattiva ma għandhiex jedd tilminta minn kwestjonijiet li jirrigwardaw is-saħħa jew il-periklu tal-persuni li jinġarru fil-vetturi reġistrati mill-Awtorita', meta l-vetturi tagħha stess jitħaddmu minkejja li ma joqogħdux għal aċċertamenti rigorużi li jridu joqogħdu għalihom vetturi ġodda ta' terzi li jissottomettu talba ġdida għar-reġistrazzjoni;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-Awtorita' intimata;

Semgħet id-dikjarazzjoni magħmula mill-Awtorita' intimata għall-finijiet tal-artikolu 873(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

Rat id-degriet tagħha tat-30 ta' Ġunju, 2015, li bih ħalliet ir-Rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Illi tqis li l-ko-operattiva rikorrenti trid li jinħareġ il-Mandat biex iżżomm lill-Awtorita' intimata milli toħroġ reġistrazzjonijiet ta' vetturi ġodda għall-ġarr ta' passiġġieri bit-*tail-lift* jekk kemm-il darba ma jitressaqx ukoll mat-talba għar-reġistrazzjoni ċertifikat ta' omologazzjoni maħruġ minn min ikun immanufattura dik il-vettura jew minn aġenzija akkreditata;

Tqis li l-ko-operattiva rikorrenti taħdem fis-suq tal-ġarr tal-passiġġieri li jeħtieġu l-użu ta' siġġu bir-roti ("*wheelchair*"), u l-membri tagħha huma lkoll sidien ta' vannijiet li jħaddmu *tail-lift* – li l-liġi tfissru bħala tagħmir mekkaniku mwaħħal b'mod permanenti u maħsub biex jgħin fl-irfigħ ta' passiġġieri fuq siġġu bir-roti – biex ikunu jistgħu jiffaċilitaw il-ġarr ta' persuni b'dik il-ħtieġa speċjali;

Tqis li l-ko-operattiva rikorrenti hija mħassba għaliex terza persuna qiegħda tħajjar persuni mħajrin li jixtru *mini bus* biex iwaħħlu *tail-lift* u b'dan qiegħda tilminta li b'hekk ma jintalabx dritt ta' dħul;

Tqis li l-Awtorita' intimata titlob ċerta dokumentazzjoni speċifika qabel ma toħroġ reġistrazzjonijiet ġodda ta' vetturi[1] u li dawn iċ-ċertifikati huma dawk li jitolbu d-dispożizzjonijiet tal-liġi fis-seħħ f'dan il-qasam[2];

Tqis li l-għan ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli li tagħmel xi ħaġa li tkun li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ tal-mandat[3];

Tqis li bil-liġi, jeħtieġ li r-rikorrent juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li jrid juri hi l-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi mir-rikorrent. It-tieni ħaġa hi li r-rikorrent ikun jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (*prima facie*) dawk il-jeddijiet. Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant[4]. Tali jedd jew jidher mad-daqqa t'għajn jew, għall-finijiet ta' dan il-Mandat, ma jeżistix;

Tqis li, minn kliem il-liġi nfisha, iż-żewġ elementi huma kumulativi u mhux alternativi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' mandat bħal dak. Siewi wkoll li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-proċedura li hija maħsuba biex titqies talba bħal din huwa mixtieq li tkun waħda sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu

[1] Xhieda ta' Brian Farruġia 30.6.2015, f'paġġ. 20 – 1 tal-atti
[2] A.L. 198/09 (L.S. 368.02) u A.L. 149/09 (L.S. 499.56)
[3] Art. 873(1) tal-Kap 12
[4] App.Ċiv. **14.7.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech pro et noe vs Manfre'*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.290**)

jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar l-istess jedd. Huwa għalhekk li llum il-liġi nbidlet u stabiliet żminijiet qosra u preċiżi li fihom it-talba għall-ħruġ ta' dan il-Mandat għandha jew tintlaqa' jew tiġi miċħuda[5];

Tqis li minn dan joħroġ li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali[6]. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li l-ko-operattiva rikorrenti ma twaqqfet bl-ebda mod milli tkompli tmexxi n-negozju tagħha skond il-ftehim li hija għandha mal-awtoritajiet kompetenti u lanqas qiegħed jingħad li hija mhix qiegħda toqgħod għal-liġijiet fis-seħħ, imma tilminta minn kompetizzjoni li tgħid li qegħda ssirilha minn terz li daħal fil-qasam tagħha ta' kummerċ billi sab mod kif jinqeda bir-regolamenti nfushom u jevita l-kontrolli iebsa li s-saħħa u s-sigurta' tal-passiġġieri u x-xufiera jitolbu;

Tqis li kif sewwa tgħid l-Awtorita' intimata fit-Tweġiba tagħha, il-jedd mad-daqqa t'għajn li l-liġi tistenna li jintwera minn min iressaq talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dan irid ikun jedd li ma jikkonsistix biss f'argument imma f'jedd li jidher u li jkun wieħed li jistħoqqlu l-ħarsien mitlub. B'żieda ma' dan, ma jistax jingħad li, għall-finijiet tal-ħruġ ta' Mandat, il-jedd mad-daqqa t'għajn jispetta lir-rikorrent jekk kemm-il darba l-pretensjoni dwar dak l-istess jedd "mhix kapaċi li tiġi dedotta in ġudizzju quddiem il-Qorti"[7] jew fejn it-talba waħdanija tkun li l-Mandat jinżamm fis-seħħ b'mod permanenti;

Tqis li l-ko-operattiva rikorrenti ma wrietx liema huwa l-jedd **tagħha** li jeħtieġ il-ħarsien tal-ħruġ tal-Mandat mitlub. Għall-finijiet ta' din il-proċedura, it-tħassib tagħha li l-kriterji mħaddma mill-Awtorita' intimata jistgħu jwasslu biex jikxfu lill-passiġġieri jew lil xufiera għal periklu jew nuqqas ta' sigurta' ma jissarrafx f'jedd mad-daqqa t'għajn u dan meta

[5] Art. 875(3) tal-Kap 12
[6] Ara, Kumm. **22.9.1994** fl-Att tar-Rikors fl-ismijiet ***Anġelo Xuereb vs Marin Ħili***
[7] P.A. PS **27.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Vassallo vs Edwin Bartolo noe et***

wieħed iqis li l-vetturi kollha mħaddma mill-istess ko-operattiva huma reġistrati mill-istess Awtorita' bi tħaddim tal-istess normi li jirregolaw il-qasam partikolari tat-trasport;

Tqis li, min-naħa l-oħra, l-element tal-ħtieġa tal-ħruġ tal-Mandat jimplika xi ħaġa iżjed minn skomdu jew diffikulta' għall-parti li tkun talbet il-ħruġ ta' dak il-Mandat[8]. Il-preġudizzju li l-parti rikorrenti tkun trid twaqqaf irid ikun wieħed li ma jkunx hemm rimedju ieħor għalih jekk mhux bil-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha l-ko-operattiva tibni l-biċċa l-kbira mill-każ tagħha għall-ħruġ tal-Mandat minnha mitlub fuq it-theddida li jistgħu jidħlu fix-xena operaturi oħrajn fl-għalqa tagħha. Dan ma jġibx dik il-ħtieġa għall-ħruġ tal-Mandat, l-aktar meta l-liġi llum hija mfassla fuq sistema ta' liberalizzazzjoni tas-suq u fejn, mill-istess liġi, joħroġ li l-istess dritt tad-dħul għandu jintemm mal-għeluq ta' sitt snin mid-dħul fis-seħħ tar-Regolamenti (jiġifieri, sewwasew din is-sena)[9];

Tqis li l-ko-operattiva tilminta wkoll li jekk kemm-il darba t-talba tagħha għall-ħruġ tal-Mandat ma tintlaqax, hija u l-imseħbin tagħha sejrin iġarrbu ħsara li ma tissewwiex;

Tqis li fejn il-ħsara li xiħadd jista' jġarrab tkun waħda risarċibbli fi ħlas ta' danni, il-Mandat ta' Inibizzjoni ma għandux jinħareġ ladarba l-liġi tagħti rimedju ieħor daqstant effikaċi;

Tqis ukoll li l-Mandat ta' Inibizzjoni ma jistax ħlief jirigwarda obbligazzjoni "*di non fare*"[10], u ma jistax iservi biex iġiegħel lill-Awtorita' intimata biex tħaddem fil-konfront ta' terzi kriterji ta' reġistrazzjoni lil hinn minn dawk li hija tħaddem bħalissa u konformi ma' dak mitlub mil-liġi;

Għalhekk, il-Qorti ssib li ma jeżistux il-kundizzjonijiet mistennija mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat mitlub, u għaldaqstant:

**Tiċħad it-talba** tal-ko-operattiva rikorrenti għall-ħruġ tal-Mandat, billi ma jeżistux l-elementi li trid il-liġi għall-ħruġ tiegħu;

**Tħassar *contrario imperio*** d-degriet tagħha tat-22 ta' Ġunju, 2015, safejn kienet laqgħet it-talba tal-imsemmija ko-operattiva b'mod provviżorju; u

---

[8] Kumm **26.5.1995** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Cassar Pulliċino noe vs Caruana Curran noe*** (Kollez. Vol: **LXXIX.iv.1387**)
[9] Reg. 117(2) tal-A.L. 149/09
[10] P.A. **23.4.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Żerafa vs Buħaġiar*** (Kollez. Vol: **XLII.ii.983)**

**Tordna** li l-ko-operattiva tħallas l-ispejjeż ta’ din il-proċedura.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------